# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2022**

**Talba Nru: 264/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 10**

**Time International (Sport) Ltd (C 32438) u b'digriet ta' nhar it-2 ta' Diċembru 2021 isem is-soċjetá attriċi ġie ikkanċellat u sostitwit bil-kelmiet "Hudson Malta Sales Ltd"**

**vs**

**Robert Attard (K.I. 77084(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallasha s-somma ta' ħames t'elef Ewro (€5,000) rappreżentanti provvista ta' prodotti kkonsenjata u mhux imħallsa kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax;
Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż[2];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Dawn huma eżebiti bejn foll 3 u 34 tal-proċess.

Ra lill-konvenut, debitament notifikat[3], naqas milli kemm jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u milli jressaq risposta formali. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[4];

Ra dak li seħħ f'diversi verbali fejn it-Tribunal ġie infurmat li kienu għaddejjin trattattivi u li kienu qegħdin isiru pagamenti;

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-soċjetá attriċi permezz ta' liema s-*sorte* tat-Talba odjerna ġie ridott għall-erbat elef, seba' mija u tmienja u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€4,768.34).

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-2 ta' Diċembru fejn ingħata digriet ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u reġa' ġie ordnat li l-konvenut jiġi notifikat mill-ġdid[5].

Ra li għad li l-konvenut reġa' ġie debitament notifikat bl-atti kif mibdula[6] reġa' naqas milli jippreżenta risposta u naqas milli jirrġeistra dehra. B'hekk reġa' ġie dikjarat kontumaċi[7].

Sema x-xhieda ta' Dr. Nikita Mizzi[8] u ra d-dokument minnha eżebit.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

---

[3] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 38.
[4] Verbal tal-11 ta' Jannar 2021.
[5] A fol 54 tal-proċess.
[6] Permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.
[7] Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022.
[8] Magħmula fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 67 tal-proċess.

Illi kif diġa' ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, il-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċjà. Dan addirittura għamlu darbtejn f'dawn il-proċeduri.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[9].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala x-xhieda miġjuba mis-soċjetá attriċi m'għandiex titwemmen u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati. Utli wkoll jiġi mfakkar li l-ammont inizjali ġie ridott proprju minħabba li kienu saru pagamenti mill-konvenut.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi somma ta' erbat elef, seba' mija u tmienja u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€4,768.34) bl-imgħax legali mid-9 ta' Novembru 2020[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[9] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).
[10] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern.